MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 42 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 19 ta Mejju 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |
| Sindku Gudja | Is-Sur Romeo Baldacchino |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Aguis |
| Kunsillier Marsa | Is-Sinjorina Gloria Aquilina |
| Kunsillier Ħamrun | Is-Sinjur Antoine Vassallo |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Ħal Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

L-Accountant Is-Sur Kevin Incorvaja

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku ta' Birzebbugia Scott Camilleri

ASSENTI

Is-Sindku ta' Marsaxlokk Steven Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**42.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

42.1.1 Il-Kunsill Reġjonali rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Sindki ta' Birzebbugia Scott Camilleri

**42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

42.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' erbgħin (41) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

42.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Charlo Mifsud il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**42.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

42.2.3.1 Il-President qal li kwiżż ġie fil- final tiegħu u stieden li Segretarju Eżekuttiv sabiex tgħatti rendikont ta' kif ġew organizzati l-aħħar sessjonijiet. Hija spjegat li saru żewġ Sports Days, waħda għal NGOs fil-futbol ground ta' Santa Venera u oħra għal l-iskejjel li ppartecipaw. Din sessjoni ittellgħet fil-futbol ground ta' Marsascala . L-isports day ta' l-NGOs ntrebħet mill-futbol nursery ta' Ħal -Luqa u li-sports ta' l-iskejjel intrebħet min l-iskola ta' Zejtun. Ir-rebbieħa ġew preżentati b' Trofew u waqt dawn is-sessjonijiet il-partecipanti ingħataw frott u ilma. Il- kwiżż final kien ukoll maqsum f' żewġ sessjonijiet, fejn il-finali ta' l-iskejjel ntrebħet mill iskola primarja Gudja u ta' l-NGOs mill futbol nursery ta' Ħal-Luqa. Il-partecipanti ingħataw sett kalamiti fejn kull kalamita tirrappreżenta kull lokalita. It-timijiet rebbieħa ingħataw 50 ewro one4All voucher li kien kompost min 5 partecipanti kull tim. L-NGO u l-iskola rebbieħa ingħataw 600 ewro sabiex jintużaw għal bżonn ta ' għaqdiet jew skola. l-serata finali ġie konkluż b' wirja ta' tagħlim mill-karattru Xummiemu ħajr ta ' Clean Malta u b'bibieta. Mill-fondi allokati għal dan il-proġett baqa 150 ewro li ser jingħataw lil rebbieħa ta' Treasure Hunt li ser tiġi organizzata f' Ottubru.

42.2.3.2 Il-President qal fil jiem li għaddew ġie iffirmat il-ftehim ta' MOU mal-Malta Libriaries. L-iffirmar sar waqat attività li saret f'Reġjun fil preżenza ta' bosta Kunsilli li setgħu jattendu. Kien għad baqa' il-Kunsill ta' Ħal Qormi, tal-Ħamrun u Marsaskala sabiex jiffirmaw.

**42.3 Komunikazzjoni mill-president**

42.3.1 Il-President fakkar li l-applikazzjonijiet għal reklutaġġ ta' uffiċjali maniġerjali ħarġu għal pubbliku.

42.4 **Skeda ta' Pagamenti;**

42.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 05/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

42.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Joan Agius u sekondat Sindku Kapt Charmaine St John , il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

42.5 **Rapporti**

**42.5.1** Rapport Finanzjarju Q1 2025

Il-president ressaq ir -rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena . Hu talab lil accountant Sur Kevin Inkorvaja jagħti spjega tiegħu. Is-Sur Inkorvaja qal li dan il kwart ta' sena kien qed juri telf ta' 56,000, minħabba l-iskart. Huwa ta' spjegazzjoni ta' kif ġie ikompulat dan it-telf primarjament minħabba tipping fees mill-Wastserve.

Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu.

**42.5.2** Rapport Finanzjarju Annwali Awditjat 2024

Il-President ressaq l-audited financial statements 2024 li ntbagħtu minn qabel lill-membri u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. L-Accountant tal-Kunsill Reġjonali kien mistieden għal-laqgħa fejn ta' spjega tar-Rapport preżentat. Huwa qal li dan l-audit ħa f'tul u il-proċedura li ntuzatt ma kienetx sodisfaċenti. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat id-dokumenti min Jannar 2025 u il-Kunsill irrisponda dejjem fil-ħin, sfortunatament diversi dokumenti baqaw jiġu mitluba sa illum stess. Waħda mill-kwistjoni maġuri kiennet il-proċedura tal-waste rejects, fejn l-awdituri qed jinsistu li spiza maħruġa mill-wasteserv għandu jħallas għalija ir-Reġjun. Aparti li qed jinsistu li għandu ikun hemm ftehim bil-miktub dwar il-waste rejects. Il-President spjega li l-ispiża ta' 2023 (waste rejects) il-Reġjun qatt ma kien nfurmat dwara għalhekk peress li normalment dan huwa skat tal-borza sewda din l-ispiza irrid iħallas għalija il-Kunsill Lokali. Rigward il-waste rejects ta' 2024 dawn ġew koperti mid DLG għalhekk din il-kwistjoni ġiet magħluqa. L-accountant qal materja oħra li tqajmet hija il-kwistjoni tal- Loqus,huwa tenna li dawn iz-zewġ punti ( waste rejects u Loqus) huma barra mil-kontroll ta' Reġjun. L- adjustments li saru huma relatati mal wasteserv u kwistjoni ta' rejects. Rigward il-kontijiet pendenti Il-Kunsilli ħalsu kollox apparti 3 Kunsilli li għad għandhom irridu jħallsu. L-accountant ikonkuda li awdituri qablu ma l-andament tal-proċeduri ġenerali ta' zamma ta' l-accounts tal-Kunsill Reġjonali.

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Joan Agius u ssekondata mil-President il-Membri kollha preżenti approvaw l-Audited Financial Statements tal-2024 b'mod unanimu

**42.5.3** Rapport ta' Evalwazzjoni Tender CT2211/2024 Riabilitazzjoni ta' Uffiċju Amministrattiv Reġjun Nofsinhar

Il-President talab li Segretarju Eżekuttiv sabiex taqra rapport. L-ES spjeġat li Bord ta' Evalwazzjoni iltaqa diversi drabi matul dan l-aħħar 6 xhur dan minħabba li kien hemm bzonn jintbagħtu il-kjarifiki li operaturi ekonomiċi. Meta infitah it- tender kien hemm tlett kunratturi li tefaw l-offerta tagħhom Waqt l-ewwel laqgħa ġie nnuttat li kien hemm bżonn tinbagħat kjarifika lil wieħed mill operaturi ekonomiċi. Il-Bord reġa iltaqa sabiex jidiskutti it-tweġieba tal-kjarifika, fejn ġie konfermat li l-operatur ma kienx is-sodisfa il-kriterji mitluba mit-tender għalhekk ġie deċiż li tender jkompli jiġi evalwat. Il-Bord innotta li kien hemm bzonn iktar kjarifiki. Wara li ġew ezaminati it-tweġibiet, ġie konkluz li ma kienx eligibli. Il-Bord evalwa it-tielet sejħa li kienet l-iktar għolja u sab li kien hemm bzonn iktar kjarifiki. It-tweġibiet li ingħataw mingħand l-aħħar operator instab li kien jissodisfa kriterji kollha mitluba u aġġorna sabiex jinkiteb ir-rapport ta' evalwazzjoni. L-evalwaturi iltaqaw sabiex jikonfermaw rapport u rakommondazzjoni mogħtija lil Kunsill Reġjonali. Is-Segretarju Ezekuttiv tenniet li dan il-proċess kien qed jiġi seġwiet pass pass mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Wara li jiġi approvat mill-Kunsill Reġjonali rapport ta' evalwazzjoni irrid jiġi prezentat quddiem il GCC għal approvazzjoni.

Il-Kunsill irringrazzja lil Segretarju Ezekuttiv u lil Bord u approva ir-rapport unanimament

**42.6 Affarijiet Oħra**

**42.6.1** Il-Kunsill għadda għal diskussjoni fosthom fejn tqajmu diversi punti dwar l-andament ta' ġbir ta' l-iskart, fejn kien hemm qbil sabiex issir iktar propaganda dwar kif għandu jiġi separat li-skart u l-iskeda tal-ġbir

**42.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**42.7.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2025

Konfermati llum 24 ta' Ġunju 2025____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv